**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 83/02 AJD**
**Importstyle Enterprises Limited**

**vs**

**Jackie Spagnol**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Jannar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u seba' liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm107.81) rappresentanti bilanc ta' somma akbar, ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u li huwa naqas milli jhallas , oltre l-interessi mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 19 ta' Dicembru 2001 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma

prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Marco Ciliberti, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u seba' liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm107.81) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**